MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 334/2013

Appell Numru: 334/2013

Il-Pulizija

Spettur Raymond Cassar

Vs

Paul Spagnol

Illum, 8 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Paul Spagnol, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 224267M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. fl-10 ta' Mejju 2008, ghall-habta ta' tmienja ta' fil-ghaxija, fil-Gharghur, ikkometta serq mill-fond numru 58 sitwat fi Triq il-Gnien ghad-dannu ta' Nazzareno Sammut u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330), bil-hin u bil-lok;
2. u talli fl-10 ta' Mejju 2008 u fil-jiem ta'wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhhom jew imexxiehom, liema hwejjeg gew minn serq aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330), bil-hin u bil-lok;
3. u aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-1 ta' Lulju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 267, 269(g), 270, 278(1)(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija.

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €456.47 u dana in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hati ihallas lil Nazzareno Sammut is-somma ta’ €1250 u dana fi zmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Paul Spagnol pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi wilwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu, tirrevokaha fil-parti fejn sabithu hati tal-kumplament tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi fis-sens illi l-prosekuzzjoni ma pruvatx il-kaz taghha sa dak il-grad rikjest mill-ligi stante illi l-fatt wahdu illi l-impronta digitali qablet mal marka tas-sebgha tan-nofs tal-id xellugija tal-imputat, m’huwiex sufficjenti fih innifsu sabiex iwassal sal-grad tal-konvinciment morali lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni sabiex l-esponenti jinstab hati;

Illi l-imsemmija impronta ma gietx korroborata minn provi ohra li setghu gew prodotti mill-prosekuzzjoni oltre l-fatt illi r-resfurtiva qatt ma giet rekuperata u ghaldaqstant qatt ma gie ppruvat ebda ness bejn l-esponenti u r-resfurtiva;

Illi in lotre l-imsemmija impronta giet elevata minn fuq kaxxa zghira go kexxun liema kaxxa hija oggett mobbli u li tista` facilment tigi mcaqalqa jew spustjata minn post ghal-iehor;

Illi in oltre l-esponenti jilmenta mill-fatt illi mar-rapport tal-espoerti ma jirrizultax sufficjentement car kif l-istess espert wasal ghal konkluzjonijiet tieghu illi kien hemm fourteen (14) points of comparison;

Illi la darba l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi, l-esponent ma kellu l-obbligu jew ghalfejn jipprova xejn sabiex jeghleb it-tezi tal-prosekuzjoni u ma kellu ebda obbligu jaghti ebda spjegazzjoni la darba il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kienu diga` dghajfa minnhom infushom u ma jilhqux dak il-grad rikjest mill-ligi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li fl-ghaxra (10) ta' Mejju tal-elfejn u tmienja (2008) sehhet serqa minn gewwa l-fond 58, Triq il-Gnien, il-Gharghur proprjetà ta' Nazzareno Sammut. Gie stabbilit illi min dahal fil-fond ghamel hekk billi qalghu c-cilindru tal-lock permezz ta' xi strument u hekk kif inqala' c-cilindru dan gie mdawwar b'turnavit biex infetah il-bieb. Illi din is-serqa sehhet bejn it-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (7.45 p.m.) u t-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30 p.m.) meta Sammut hareg ghal ftit hin biex jisma' l-quddies. F'din is-serq insterqu ammont ta' madwar elf ewro (€1,000) f'gojjelli u senter tad-ditta Zabala li jiswa madwar mitejn u hamsin ewro (€250). Fil-kors tal-investigazzjonijiet ittiehdu xi ritratti mill-ufficcjali tax-xena tar-reat kif ukoll gew elevati xi impronti digitali minn fuq kaxxa tal-landa fejn Sammut allegatament kellu mizmuma l-oggetti tad-deheb li nsterqulu. Dawn l-impronti kienu jaqblu ma' dawk tal-appellant Paul Spagnol u ghalhekk gie mressaq il-Qorti in konnessjoni ma' dan ir-reat.

Permezz ta' sentenza tal-ewwel (1) ta' Lulu tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati filwaqt illi astjeniet illi tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi dina sservi bhala alternattiva, sabet lill-appellant hati tal-kumplament tal-akkuzi u

kkundannatu ghal disa' (9) xhur prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' erba' mija sitta u hamsin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€456.47c) in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi impront digitali wiehed mhux korroborat minn provi ohra ma kinux bizzejjed sabiex jorbtu lill-appellant fix-xena tas-serqa aktar u aktar meta r-refurtiva qatt ma giet rikuperata u ghaldaqstant qatt ma gie pruvat in-ness bejn l-appellant u r-refurtiva.

Ikkunsidrat:

L-appellant argumenta illi huwa minnu illi fingerprint illi nstabet fuq il-landa illi kien fiha d-deheb kienet tieghu. Qal però, illi kien fil-fond bil-permess tas-sid peress illi jaghmlu xi negozju bejniethom dwar armi liema negozju ma jidhirx illi ghandu l-legalità mehtiega u ghalhekk kien fl-interess tad-derubat illi jghid illi l-appellant ma kienx qieghed go daru. L-appellant però qal illi huwa twassal fuq il-post minn Glenn Debattista illi rah jidhol fil-fond bil-permess tas-sid. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ma kinitx "safe and satisfactory" meta dina abbinat il-htija ma' din il-fingerprint li ma kinitx ikkorroborata minn provi ohra.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi fingerprint hija xi haga unika u tpoggi l-persuna fil-post. Hu indikattiv illi din il-fingerprint instabet proprju fuq il-kaxxa fejn kien hemm id-deheb li gie nieqes. L-appellant mhux qed jikkontesta illi dik il-marka fil-fatt tappartjeni lilu izda b'daqshekk mhiex prova illi hu kellu x'jaqsam mas-serqa ghaliex hemm spjegazzjoni jew spjegazzjonijiet ohra ghal dik il-marka instabet hemm, principalment il ghaliex huwa dahal fil-fond bil-permess tas-sid illi kien prezenti l-hin kollu meta l-appellant kien fil-fond.

Ikkunsidrat:

Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija versus Anthony Abela (25/5/1998) li l-prova tal-fingerprint ghadha tkun sufficenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju illi jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahidha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti però kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinsabu f'postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinimatografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, eccettra, li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinsabu f'xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward: "Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li nstabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew illi kien dahallu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahidha hija sufficenti sabiex il-Qorti ssib htija." Il-Qorti ghaddiet biex tikkwota mill-Blackstone "criminal practice" (pagna 2311 – 2312) "Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification. But, in a case which depends wholly on such evidence it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence." L-istess jghid l- Archibold "Criminal Pleading" (edizzjoni 2001) (pagna 1348) "A person may be identified by fingerprints alone." U sentenza ohra minn din il-Qorti Il-Pulizija versus Emanuel Camilleri (30/06/1998) "hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahidha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza."

Ikkunsidrat:

F'dan il-kaz l-appellant mhuwiex qieghed jinnega illi dak l-impront fuq il-landa fejn kien hemm id-deheb kienet tieghu. Hu jghid però illi huwa kien qieghed fil-fond bil-permess tas-sid. Hi x'inhi din il-Qorti tirrileva illi bil-permess jew minghajru, l-impront kien fuq dik il-landa fejn kien hemm id-deheb, id-deheb gie nieqes u ghalhekk dik l-impronta hija bizzejjed sabiex torbot lill-appellant fil-mument

storika meta nsteraq dak id-deheb. U l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn ikkonkludiet illi l-appellant kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Pierre Buttigieg" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008, kaz li kien jirrigwarda marka ta' pala ta' id fuq bieb zgassat, il-Qorti qalet, "F'dan is-sens l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi li l-marka tal-pala ta' id l-appellant fuq il-bieb zgassat kienet prova li torbtu mas-serqa ghax anki jekk stess kien imur f'dak l-istabbiliment, qatt ma suppost kellu kuntatt ma' dan il-bieb partikolari u ma kienx lanqas probabbli li hu jhalli l-marka tieghu proprju fuq dak il-bieb innocentement jew b'kumbinazzjoni."

Din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni. Il-marka tas-sebgha tal-appellant fuq il-landa fejn kien mizmum id-deheb torbtu mas-serqa. Mhux suppost kien f'kuntatt ma' dik il-landa u anqas huwa probabbli illi hu halla l-marka tieghu innocentement jew kumbinazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi ghandha tvarja l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti dwar il-htija tal-appellant kif ukoll il-konsiderazzjoni dwar il-piena. Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------